

31995R1366

L 133/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

17.6.1995

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL(KE) Nru 1366/95**  
**tat-12 ta' Ġunju 1995**  
**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3906/89 biex tiġi estiża l-ghajjnuna ekonomika lill-Kroazja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 3906/89 <sup>(3)</sup> jipprova għal operazzjonijiet ta' għajjnuna ta' natura ekonomika u umanitarja b'appoġġ għall-proċess ta' riforma ekonomika u soċjali f'ċerti pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant;

Billi l-Anness tar-Regolament jelenka l-pajjiżi li jistgħu jirċievu għajjnuna bħal din;

Billi, fid-dawl ta' l-indipendenza tal-Kroazja, dak il-pajjiż għandu jiġi miżjud mal-lista tar-riċevituri sabiex ikun jista jirċievi għajjnuna taħt ir-Regolament (KEE) Nru 3906/89;

Billi l-kundizzjonijiet li jippermettu li l-Kroazja tiġi inkluża mal-pajjiżi beneficijarji issa jistgħu jitqiesu li ntlaħqu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-pajjiż li ġej għandu jingħadd mal-lista fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 3906/89: "Il-Kroazja".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-12 ta' Ġunju 1995.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. de CHARETTE

<sup>(1)</sup> ĠU C 360, tas-17.12.1994, p. 21.

<sup>(2)</sup> ĠU C 126, tat-22.5.1995.

<sup>(3)</sup> ĠU L 375, tat-23.12.1989, p. 11. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru. 1764/93 (ĠU L 162, tat-30.6.1993, p. 1).